MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru. 1323/2009

**Artikoli 17, 23, 23A, 31, 293, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**JOSEPH TABONE**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH TABONE,** ta’ 39 sena bin missier mhux maghruf u Carmela Tabone, imwieled tal-Pieta’ fl-10 ta’ Frar, 1970 u li joqghod ‘Elakin’, Triq in-Nutar Zarb, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 174070(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

Talli fis-sena 2007 f’dawn il-Gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe’ s-somma ta’ madwar sittax-il elf, tlett mija u hames ewro (€16,305), li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsam mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom fedina penali li giet immarkata bhala Dok. VC1, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li hu mmarkat bhala Dok. VC2 u stqarrija li giet immarkata bhala Dok. VC3.

Semghet lill-**Ispettur Ivan Cilia** jixhed fis-16 ta' Marzu, 2010 fejn iddikjara li l-Pulizija kienet irceviet ittra minghand Dr Zrinzo Azzopardi ghan-nom ta' Carmela Tabone fejn allegat illi kienet tat lil Joseph Tabone sebat elef lira biex izommhomlha sakemm ikollha bzonnhom u mbaghad meta talbithomlu beda jirrifjuta li jirritornahom. Fil-fatt l-Ispettur kien baghat lill-PS 1579 u PC 344 biex ikellmu lil Carmela Tabone fejn din ikkonfermat li kien hemm miktub fl-ittra tal-avukat fejn qalet illi kienet bieghet xi proprjeta' jew hija wirtet xi proprjeta'. Hija kienet sabet is-somma ta' sebat elef lira Maltin u xtaqet li jzommhomlha binha u fil-fatt hekk ghamlet. Dak il-hin ukoll kien hemm prezenti Anton Tabone. Sussegwentement din giet bzonn dawn il-flus u talbithomlu diversi drabi imma kull darba binha beda jirrifjuta li jaghtiha lura l-flus. Anton Tabone li jigi hu Carmela Tabone gie mitkellem mill-Pulizija u qal li kien sema' lil ohtu tghid "zommhomli u meta nigi bzonnhom troddhomli lura."

Sussegwentement l-Ispettur baghat ghall-imputat Joseph Tabone, li gharfu prezenti fl-awla nhar it-8 ta' Lulju, 2009 fejn irrilaxxja stqarrija wara li nghata s-solitu twissija. L-imputat qallu li ommu kienet wirtet is-somma ta' sebat elef u disghin lira, kienet talbitu jmur maghha l-bank halli jsarraf ic-cheque pero' dan ma marliex. Ftit taz-zmien wara ommu cemplitlu u qaltlu li jista' jmur ghall-flus. Hija tatu l-flus u skond Joseph Tabone qed jghid illi tathomlu ghalih. Huwa kien qal lil ommu li kellu huh u ohtu ohra fil-familja u ovvjament kienu ha jkunu nteressati wkoll f'dawn il-flus pero' skond

Joseph Tabone qaltlu li l-flus huma tieghu u li huh ma jixraqlux illi jkollu s-sehem tieghu. Joseph Tabone spjega li r-relazzjoni ma' huh ma kinitx tajba u fil-fatt l-Ispettur kien tkellem ma' Lucian Tabone illi jigi hu l-imputat. L-Ispettur kien staqsieh fuq din il-kwistjoni u wiegbu li huwa mhux involut u li ma jaf xejn. Huwa li jaf huwa li ommu bdiet titlob il-flus lill-imputat izda huwa ma riedx jaghtihomlha lura.

Sussegwentement il-Pulizija kellha tressaq lil Joseph Tabone b'dawn l-akkuzi. Ix-xhud esebixxa stqarrija mmarkata bhala Dok. VC 3. F'din l-istqarrija huwa gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' PC 344. L-imputat kien ghazel li ma jiffirmax ghax xtaq li l-ewwel juriha lill-avukat.

**Carmela Tabone** xehdet fis-16 ta' Marzu, 2010 fejn iddikjarat li hija tigi omm l-imputat u li kienet qabdet lill-avukat biex jikkuntatja lil binha Joseph Tabone liema Joseph Tabone gharfitu bhala l-imputat prezenti fl-awla, sabiex itiha l-flus lura. Hija spjegat li kienet ghaddiet lil binha l-imputat sebat elef lira Maltin biex dawn izommhomlha. Ix-xhud qalet li hija kienet wirtet dawn il-flus minghand huha George u kienet gabithom mill-bank bhala flus cash. Hija stqarret illi ma tiftakarx ezatt meta ghaddiet il-flus lil binha. Pero' taf li meta' wirtet dawn il-flus kienet qalet lit-tifel taghha Joseph Tabone sabiex izommhomlha. Jidhrilha li ilu xi sitta jew seba' snin li wirtet il-flus. Meta' hija ghaddiet il-flus lil binha biex izommhom hija ghaddiethom fil-prezenza ta' huha Toni. In kwantu pero' d-data meta ghaddietlu l-flus hija ma tafx ezatt. Hija kienet talbet lil binha sabiex jaghtiha l-flus lura ghaliex kienet ser tixtri xi post pero' ma tahomliex. Issa hija qalet li regghet giet bzonn il-flus ghax ghandha bzonn tixtrihom ghal xi pilloli pero' dan it-tifel ma setghatx tarah biex ikun jista' jerga' jitlobhomlu.

Hi wara li originarjament talbitu l-flus lura u t-tifel ma tahomlhiex qaltlu biex izommhomlha naqra ohra u peress li mbaghad wara t-tifel xorta ma tahomlhiex hija regghat talbitu u wara qabdet lill-avukat.

**Anton Tabone** xehed fis-16 ta' Marzu 2010 fejn iddikjara li huwa jigi z-ziju tal-imputat. Huwa spjega li kien prezenti ghall-okkazjoni meta ohtu Carmela Tabone kienet ghaddiet is-somma ta' sebat elef lira Maltin lill-imputat li jigi iben Carmela Tabone u kienet ghaddietlu dawn il-flus biex huwa jzommhomlha ghax hija kienet ser tixtri xi bini u kienet qaltlu li meta kienet ser titlobhomlu dan kellu jerga' jirritornahomlha. Huwa ma jafx ezatt meta sar dan pero' jahseb li kien xi tliet snin ilu. Wara din l-okkazjoni huma grew diversi drabi wara l-imputat biex jirritorna l-flus lura lil ommu. Huwa jaf li dejjem kien m'ohtu meta marru jfittxu lill-imputat biex jaghtihom il-flus izda baqa' ma rritornahomx. Meta ppruvaw icemplu lill-imputat huwa ma kienx jirrispondihom. Huwa spjega li meta' Carmela Tabone kienet ghaddiet il-flus lill-imputat huwa erronjament qal il-kelma selfet pero' fil-fatt huwa ha zball, ghax Carmela Tabone ma kinitx selfithomlu l-flus izda kienet tathomlu biex izommhomlha.

**PS 1579 Johann Mifsud** xehed fit-30 ta' Gunju 2010 fejn iddikjara li huma bhala pulizija kienu rcevew kwerela minghand Carmela Tabone u huwa kien kellem lil din Carmela Tabone fis-6 ta' Lulju, 2009 u kien mar ir-residenza ta' din il-persuna. Huwa tenna li Carmela Tabone kienet allegat li hi kienet tat is-somma ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000) lil binha Joseph Tabone u kienet qaltlu biex izommhomlha peress li hija kienet anzjana u ma xtaqitx izzomm dawk il-flus id-dar. Dan sar bil-patt li jtihomlha lura meta hi tigi bzonn il-flus. Hija kompliet tghidlu li prezenti meta tat il-flus lil

binha kien hemm huha Antonio Tabone. L-ghada u cioe' fis-7 ta' Lulju, 2009 ix-xhud kien kellem lil Antonio Tabone u dan kien gie l-ufficcju gewwa d-Depot il-Furjana u kkonfermalu dak li kienet qaltlu ohtu Carmela Tabone. Meta x-xhud kien kellem lil Carmela Tabone huwa kien flimkien ma' PC 344 Chris Vella u wkoll l-istess PC 344 kien prezenti meta' kellem lil Antonio Tabone. Ix-xhud esebixxa bhala Dok. JMP 1 dikjarazzjoni ta' Carmela Tabone u bhala Dok. JMP 2 dikjarazzjoni ta' Antonio Tabone.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami u spjega li in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' Carmela Tabone huwa kien hadha bil-fomm id-dar taghha ghax din ma setghetx tmur id-depot minhabba ragunijiet ta' sahhitha u fil-fatt qal li din id-dikjarazzjoni giet iffirmata u ttajpjata mix-xhud id-Depot u giet ukoll iffirmata minn PC 344. In kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' Toni Tabone din kienet saret fl-ufficcji fid-Depot u hija ffirmata mix-xhud, minn PC 344 u minn Antonio Tabone.

**PC 344 Christ Vella** xehed fid-9 ta' Frar, 2011 fejn gie muri dokument VC 3 li jinsab minn fol. 11 sa fol. 13 tal-process. Huwa kkonferma li din hija stqarrija tal-imputat Joseph Tabone li huwa gharfu prezenti fl-awla. Ikkonferma wkoll li huwa kien prezenti meta ttiehdet din l-istqarrija u li l-imputat inghata twissija skont il-ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Huwa gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Ivan Cilia u qal li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Ix-xhud gie muri dokument Dok. JMP 1 u Dok. JMP 2. Rigward Dok. JMP 1 spjega li dan id-dokument jirrigwarda l-fatt li fis-6 ta' Lulju, 2009 huwa kien mar flimkien ma' PS 1579 gewwa r-residenza ta' Carmela Tabone li hija

sitwata Hal Balzan u qal li kienu kellmu lil din Carmela Tabone u din kienet taghthom spjegazzjoni dwar x'kien gara. Din qaltilhom ukoll li dawn il-flus kienet ghaddiethom lil binha l-imputat fil-prezenza ta' huha Antonio Tabone. Dan rigward Dok. JMP 1.

Rigward Dok. JMP 2, huwa spjega li dan id-dokument huwa ghar-rigward il-fatt li fis-7 ta' Lulju, 2009 kienu baghtu ghal Antonio Tabone gewwa l-ufficcju taghhom id-Depot u kkonferma dak kollu li qaltilhom ohtu Carmela Tabone. Li dan id-dokument allura rreferieh bhala Dok. JMP 2 huwa dak li kien qalilhom dan Antonio Tabone. Huwa gharaf il-firma tieghu, dik tas-surgent PS 1579 u Antonio Tabone kien iffirma wkoll. Dan huwa Dok. JMP 2.

In kwantu ghal Dok. JMP 1, wiegeb li qed jaghraf il-firma tieghu, dik ta' PS 1579, qal illi Carmela Tabone ma ffirmatx Dok. JMP 1 minhabba l-istat ta' sahha taghha.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-28 ta' Frar, 2011 (fol. 54) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fil-11 ta' April, 2013 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Lucian Tabone** xehed fl-24 ta' April 2012 fejn iddikjara li dak iz-zmien huwa kien jahdem ma' huh Joseph Tabone. Huwa kien imur jittawwal lill-ommu

izda darba cempel lil ommu u ma kinitx hemm. Ghalhekk mar ghand ohtu fejn qaltlu li ommu kienet l-isptar u ghalhekk mar l-isptar fejn sab lil ommu fil-venja li kellha tkun. Huwa staqsiha jekk ohtu kienetx tmur taraha u wegbitu li hadd ma qed imur u ghalhekk beda jmur kuljum hu. Wara ommu harget mill-isptar u meta kienu d-dar qaltlu li huh m'ghadux imur ghandha u hija kienet taghtu sebat elef Lira. Huwa wegibha jekk kinitx thossha sew ghax ma riedx jemminha ghall-ewwel. Mistoqsi x'sar minn ommu wiegeb li mietet.

Mistoqsi x'kien ghamel huwa wiegeb li kien cempel lil huh ghax kienu ghadhom jitkellmu dak iz-zmien u qallu biex jinzel ikellimha u jirranga maghha. Huh l-ghada ma marx ix-xoghol. Ix-xhud tenna li hemm xi flus tieghu personali ghadu sa llum ma hadhomx kollha. Wara ommu cemplet lill-avukat izda huwa talabha biex ma tghaggilx. Pero' ommu xorta marret ghand l-avukat Dr. Zrinzo fejn dan kiteb lill-imputat izda ma rrispondihiex. Ghalhekk waqa' l-kaz f'idejn il-pulizija.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami u tenna li huwa waqaf jahdem minn ma' huh mis-sena 2009. Huwa qal li ser igib id-data ezatt meta' spicca minn dan ix-xoghol ghax kien baghat karta bl-avukat personali tieghu lil huh.

**L-Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet fl-24 ta' April, 2012 fejnipprezentat kwerela li ntbaghtet fil-11 ta' Gunju, 2009 lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-avukat Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghan-nom ta' Carmen Tabone li tghix 40, Triq il-Providenza, Hal Balzan. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. YFA 1.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar it-8 ta' Mejju, 2014.

**Antonio Tabone** xehed in kontro-ezami fid-29 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li ghandu erbgha u sebghin (74) sena. Huwa kkonferma li kien xehed fil-Qorti erba' snin ilu u kien ikkonferma li jigi z-ziju tal-imputat. Spjega li huma kienu wirtu xi proprjeta' u li sussegwenement kienu bieghuha u lill-ohtu kien qalilha biex izzomm il-flus hi ghax kellha tlett (3) itfal. Ix-xhud seta' zamm sehmu hu naturalment u fil-fatt ohtu ghaddiethom lit-tifel taghha Joseph.

Wara certu zmien ohtu kellha bzonn dawn il-flus. Huwa jaf li bdew icemplulu bil-mobile u ma jwegibx, marru jfittxu lill-imputat id-dar izda ma sabuhx. L-imputat kien jigi darba l-Hadd u ma resaqx hemm iktar. Safejn jaf ix-xhud, ohtu ma hadithomx lura l-flus. Fil-fatt mistoqsi jekk kienx prezenti meta ohtu Carmela Tabone ghaddietlu l-flus wiegeb li iva huwa kien prezenti u fil-fatt kien hu li ghaddielu lira fuq lira.

Huwa ma jafx ghalxiex ohtu riedet il-flus lura, jista' jkun li riedet tixtri xi haga. Ohtu kellha xi haga fuq is-sebghin (70) meta riedet il-flus lura, kienet fl-aqwa taghha u kienet ghadha toqghod Hal-Balzan. Fil-fatt kienet ilha

toqghod Hal-Balzan minn mindu binha l-imputat kien ghadu zghir u minn mindu huwa kien ghadu zghir. Mistoqsi jekk kellhux xi flus ohrajn apparti dawn wiegeb li ma jafx. Il-flus huma ghaddewhom lill-imputat fid-dar ta' ommu Carmela gewwa Hal-Balzan u kien filghodu meta ghaddewlu l-flus. Ma kienx fost il-gimgha kien jum il-Hadd. Mhux minnu dak li qed jigi allegat lilu li huwa ma kienx prezenti meta ohtu ghaddiet il-flus lill-imputat ghax fil-fatt kien hu li ghaddihomlu. Il-flus kienu flus Maltin u *cash* pero' ma jiftakarx id-denominazzjoni taghhom.

Mistoqsi meta huma bieghhu l-post jekk ircivewx flus jew cekk wiegeb illi jekk mhux sejjer zball kien cekk u dan sarfuh fil-bank u ghalhekk il-flus li huma qasmu kienu gew mill-Bank of Valletta ta' Birkirkara jew il-Belt. Illum il-gurnata nesa liema bank kien ezattament. L-ahwa kienu kollha flimkien meta sarrfu c-cekk. Huwa kkonferma li n-neputi Luciano kienet tghinu wkoll, kif ukoll kienet tghin lit-tifla taghha.

**L-imputat Joseph Tabone** xehed fl-4 ta' Lulju, 2014 fejn gie mistoqsi jekk huwa nghatax assistenza legali meta huwa rrilaxxja l-istqarrija fit-8 ta' Lulju, 2009 li tinsab esebita fl-atti a fol. 11 wiegeb illi le ma kellux u lanqas gie offrut. Mistoqsi jekk hux minnu li l-Ufficjal Prosekutur kienx tah *caution* qabel ma rrilaxxja l-istqarrija wiegeb li iva pero' kien ghazel li jitkellem peress li huwa hass li ma kellu xejn x'jahbi. L-imputat qara l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja u kkonferma l-intier taghha. Huwa ddikjara li mhux veru li Luciano Tabone kien prezenti meta ommu taghtu xi flus izda kien prezenti Anthony Tabone.

Huwa jiftakar li kien it-Tlieta meta ommu kienet cemplitlu biex imur maghha l-Bank ghaliex kienet wirtet xi flus u qalilha li kien lest li jiltaqa' maghha l-ghada fl-ghaxra (10:00). L-ghada huwa mar ghand ommu Hal Balzan u ma sabiex hemmhekk, habbtilha u ma fetah hadd u ghalhekk irritorna lura x-xoghol. Dakinhar spjega li rcieva telefonata biex imur ghal flus ghand ommu. Fil-fatt huwa mar ghall-flus u qal li l-ammont kien sebat elef u disghin liri Maltin (Lm7,090). Huwa jiftakar li ommu kienet hadet disghin lira (Lm 90) minnhom u qaltlu li dawn il-flus huma ghalih. Fil-fatt meta huwa qalilha li kellu huh u ohtu wkoll qaltlu le dawn kienu ghalih. Huwa sostna li ommu ma kinitx titkellem ma' ohtu u b'referenza ghal huh Luciano qalet li kien seraqha.

L-imputat spjega li zijuh kien dahal f'din it-transazzjoni billi kien akkompanja lil ommu l-bank, wassalha u sarrafhom biss. Huwa sostna li meta xehed iz-ziju tieghu kien qal illi l-flus ommu kienet tathom il-Hadd izda effettivament il-Hadd il-banek ma jifthux u ghalhekk qed jindika li ma kienx hemm meta tathomlu. Huwa spjega li ommu kienet gabet il-flus bhala sehem ta' wirt minn bejgh ta' post ghax kien miet huha.

Huwa ddikjara li ommu dejjem kienet issib il-flus nieqsa mid-dar. Anke deheb kienet issib nieqes. Tant hu hekk li c-cavetta tad-dar ta' ommu ma kellux biex huwa ma jigix implikat. Huwa jaf li huh ghandu l-vizzju tal-loghob u dejjem jiddejjen fuq il-loghob. L-imputat spjega li l-post fejn kienet tghix ommu qatt ma kien ghall-bejgh. Fil-fatt kien iwassal l-ommu biex thallas il-kera u qal li fil-fatt meta ommu kienet mietet kien staqsa lil sid il-post jekk ridietx tbieghlu l-post u qaltlu li l-post kien ghal xi tifel ta' huha jew ghal ohtha. Fil-fatt sid il-post kienet qaltlu biex johorgu minnu u

wegibha li huwa ma kienx jghix hemmhekk izda kien jghix hemm huh l-iehor u fil-fatt xi hmistax wara kienet cemplitlu u kienet talbitu biex ikellem lil huh ghax kien ghamel ghaliha. Huwa pero' wegibha ahjar tmur ghand il-Pulizija.

L-imputat spjega li huma kienu tliet itfal, ohtu l-kbira, huha u hu u dakinhar li mietet ommu fil-funeral ried li jmorru d-dar. Huwa ftiehem ma' ohtu li d-deheb li kien hemm kellu jinghata lit-tifla ta' huh izda qatt ma wasal ghax fil-fatt kien issepara minn ma' martu. Ghalhekk jahseb illi d-deheb inbiegh ghall-flus ghal-loghob u jahseb li anke l-flus li kien hemm id-dar intuzaw ghal-loghob.

L-imputat jaf li ommu kienet qalet lil ohtu kif ukoll lill-mara ta' huh fuq dan ir-rigal li taghtu. Huwa jiftakar li meta' ommu kienet l-isptar huwa kien mar ikellimha u qalilha li kien jaf li dawn il-proceduri ma kinux gew minn naha taghha u li kienu gew minghand hu l-imputat u jaf li kellha dmugh u bdiet ixxejjer rasha. Dak il-hin huwa zammilha idha u qalilha li kien lest li jahfrilha. Ommu kienet haditha l-isptar ohtu f'Dicembru, 2008. Huwa spjega li l-ahhar darba li marret l-isptar in-nies kienu cemplu l-ambulanza ghax kienu sabuha mal-art f'darha u dahlet l-ambulanza. Huwa cahad li huh kien jiehu hsiebha.

Huwa jiftakar li fi Frar, tal-2010 ftit qabel ma' mietet ommu kien qed jahdem fil-Knisja ta' San Lawrenz, Ghawdex u huh cempillu f'xi hin filghodu u kien talbu tlett elef u hames mija u dan il-kaz kien jaqa'. L-imputat insista mieghu li l-flus ommu kienet tathom lilu u ma kien lest li jaghtih xejn. Huwa stqarr illi ma jafx ghaliex huh ghamillu hekk ghax fil-fatt

huwa kien jghinu fil-flus u darba minnhom sahansitra kien tah van Ford Escort Mark 3. L-imputat iddikjara li huwa ma jemminx li ommu marret ghand l-avukat b'ghazla taghha izda ghax kienet giet imgieghla. Ommu ilha mejta erba' snin u fil-fatt kienet taghtu l-flus sentejn qabel mietet.

Huwa tenna li meta huh ma jkunx qed jitkellem m'ommu, ommu tkellem lilu u l-ohtu izda pero' meta' huh ikun qed jitkellem maghha hija ma kinitx tkellimhom. Darba minnhom huh qallu li ommhom kienet qed tiggennen imma sussegwentement sar jaf illi huha kien seraqha.

Huwa minnu illi dak iz-zmien meta ommu tatu l-flus ohtu ma kinitx qed tkellimha. Dak iz-zmien li tatu l-flus ommu ma kinietx titkellem la ma huh u lanqas ma' ohtu. Mistoqsi x'inhi r-raguni ghaliex ommu tat il-flus lilu qal illi ma jafx. Huwa kien lest li jaghti l-flus lura lil ommu pero' qalilha li dan irid isir f'prezenza ta' Nutar jew Avukat u fil-prezenza ta' hutu wkoll. Pero' ghal dan ir-raguni ma gietx.

Fil-fatt lil huh Luciano Tabone ma kienx qed ikellmu allura ma qallu xejn b'dan il-ftehim u qal li f'Dicembru, 2008 sahansitra kien gie jsibu fuq ix-xoghol u spicca anki ghamillu rapport ghand il-Pulizija u l-Pulizija qatt ma sabuh.

Mistoqsi ghaliex huwa ma qalx lil huh meta kien cempillu u talbu l-flus li kien lest jirritorna l-flus lil ommu qal illi huwa kien lest li jirritorna l-flus lura lil ommu pero' ma kienx lest li jaghti nofshom lil huh biex iraqqad il-kaz.

Huwa lil huh ma kellmux minhabba dan il-kaz ghaliex fil-passat dejjem ghenu u huh kien jaf dan. Huwa kkonferma li ommu lilu l-flus tathomlu, u ma jafx x’kienet il-konfoffa wara din l-istorja kollha. Huwa jaf li ommu kienet tibza minn huh u fil-fatt kienet taghmel li jghidilha hu.

L-imputat spjega li zijuh Anton Tabone hadha l-Bank biss biex issarraf l-flus u huwa qatt ma kien hemmhekk meta ghaddietlu l-flus. Ohtu xorta kienet tmur tkellimha lil ommu u tnaddfilha d-dar anke meta huh kien jiprojbiha li taghmel dan. Ommu mietet fit-tlettax (13) ta’ Settembru, 2010.

**Christine Baldacchino,** xehdet fl-4 ta’ Lulju 2014 u ddikjarat li hija taf l-imputat ghaliex huwa huha. Apparti l-imputat hija ghandha huha iehor jismu Luciano. Hija spjegat li ommha kienet qaltlu li l-flus kienet tathom lil huha l-imputat, taf li taghtu sebat elef liri Maltin (Lm7,000). Hija taf illi ommha ma setghat tafda xejn id-dar b’huha Luciano u kienet tahbi kollox minnu. Ix-xhud tghid li gieli kienet tmur tiehu hsieb lill-ommha pero’ minhabba huha gieli kien ikollhom daqsxejn disgwit, mhux mill-imputat imma huha l-iehor. Hija taf illi huha l-iehor ma tantx kien ihobb jahdem u taf illi kien ihobb jilghab ukoll.

Ix-xhud iddikjarat li minn dawn is-sebat elef lira (Lm 7,000) ma riedet xejn minghand huha ghalkemm hija eredi ta’ ommha u dan ghax ommha effettivament kienet tathomlu.

Meta mietet ommha huma ma setghux jidhlu d-dar ghaliex cavetta kellu biss huha Luciano u huma daru fuqu u qalulu biex id-deheb li kellha ommu taghtih lil bintu, pero' taf li l-bintu ma tahomliex. Hija stqarret illi kellha relazzjoni tajba ma' ommha, pero' huha Luciano kien jaqla' l-inkwiet. Mistoqsija jekk ommha kinetx taghtiha xi rigali qalet li gieli tatha affarijiet zghar per ezempju taqla' xi statwa u taghtiha lilha ghax ma tkunx tridha u kienet taghti xi flus lit-tfal taghha bhala rigali f'xi *birthday*, pracett u okkazjonijiet bhal dawn. Ommha gieli tathom sahansittra xi hamsin lira (50) jew hekk jew xratilhom xi haga tad-deheb. Ix-xhud spjegat li ghandha zewgt itfal, filwaqt li huha Luciano ghandu erbat itfal u Joseph huha l-imputat ghandu tnejn. Hija taf ukoll li kienet taghti rigali lit-tfal ta' hutha. Pero' somma flus li taqbez l-elf (1,000) iddikjarat li ommha qatt ma taghtha. Hija sostniet illi flus minghand huha Joseph qatt ma rceviet u sa fejn taf hi ghadhom ghandu l-Bank. Mistoqsija kif taf li ghadhom il-Bank, wiegbet ghax hu qalilha hekk. Fil-fatt kienet ommha li qaltilha li taghtu l-flus u mhux huha.

Hija spjegat li fil-fatt kien hemm zmien li ma kinitx tmur ghandha, u mbaghad regghat marret ghandha u dakinhar kienet qaltilha. Fil-fatt dakinhar kienet fdat xi diskors maghha. Wara li ghamlu zmien ma jitkellmux, u kienet ghamlet zmien l-Isptar u marret taraha regghu bdew jitkellmu. Kienet ommha stess li qaltilha hekk minn rajha. Dak iz-zmien li kienet tathomlu ma kinitx tmur ghandha u lanqas ma kienet prezenti meta gew mghoddija lilu. Fil-fatt kienet tathomlu xi xhur qabel ma qaltilha. Fil-fatt ommha kienet qaltilha qabel ma giet tixhed il-Qorti u fil-fatt dak iz-zmien kienet lanqas ghadha kecciet lil huha mid-dar. Anzi spjegat illi dak iz-zmien kienet ghadha lanqas fittxet lil huha ghalihom. Sussegwentement ommha fethet kawza kontra huha fuq flus. Ix-xhud stqarret illi lilha ommha

ma qaltilhiex ghalfejn fethet il-kawza. Hija spjegat illi kif saret taf li kellha t-*trouble* ma huha ma tantx bdiet tmur ghand ommha. Jiena ma tafx ezatt meta fethitlu l-kawza, ghax imbaghad bdiet certu affarijiet ma tghidhomlix. Ix-xhud iddikjarat illi disgwit ma' huha z-zghir l-imputat ma kelliex. Ippruvat tghidilha l-kelma tajba l-ommha biex jippruvaw jirrangaw il-kwistjoni ta' bejniethom pero' huha l-iehor Luciano kien ikompli jgenninha.

Mistoqsi jekk tafx li huha ried jerga' jghaddi lura l-flus lil ommha, wiegbet li le ma tafx. Ix-xhud stqarret li ma huha fuq din il-kwistjoni ma kellmitux aktar.

**Anna Tabone** xehdet fl-4 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjarat li hija tigi mizzewga lil hu l-imputat Joseph Tabone, u cioe' lil Luciano Tabone ghalkemm illum tinsab separata minn mieghu. Taf li zewgha ma tantx kien ihobb jahdem u taf li ghandu l-vizzju tal-loghob.

Hija spjegat li darba minnhom kienet irceviet telefonata minghand oht Luciano fejn qaltilha li setghat tghidilhom grazzi tad-deheb u x-xhud staqsietha x'deheb kien? Hija wegbitha li kienu baghtu d-deheb ta' ommhom ma' Luciano ghat-tifla taghha u x-xhud wegbitha li lilha hadd ma gie u gabilha xi deheb. Ghalhekk ix-xhud staqsietha kemm kien ilu u qaltilha li kien ilu ftit. Illum il-gurnata t-tifla ghandha sbatax (17) il-sena pero' dan ilu li sehh xi sentejn u nofs, tlett snin minn meta mietet.

Ix-xhud spjegat illi meta omm Joseph Tabone taghtih il-flus, hija taghtihomlu biex izommhom u mhux biex tislifhomlu. Fil-fatt stqarret illi

dan qalitu  diversi drabi quddiemha. Fil-fatt Joseph Tabone kellu relazzjoni tajba m'ommu u kull meta kellu bzonn dejjem talabha u mhux ha u ghalhekk kienet taghtih. Hija taf illi Joseph fil-fatt bil-ghaqal u rarament kien jitlob lil ommu ghall-flus. Taf illi Luciano pero' ma setghatx tafdalu portmoni mieghu ghax kien jiehu l-flus minghandha u sahansitra anki minghandha kien jiehu.

Ix-xhud stqarret illi kellha relazzjoni tajba ma' omm Luciano. Ma tistax tgorr mir-relazzjoni li kellha u tghid li lil Joseph kienet ittih il-flus u lilha kienet taghtiha d-deheb biex izzommulha meta tkun l-Isptar. Hija pero' deheb qatt ma taghtha lilha, pero' flus taghtha. Spjegat illi jekk per ezempju kienu jmorru jixtru, kienet thallas l-omm. Hija qalet illi ommu kienet tafdaha hafna, tant illi meta ma kinitx issib lil Joseph kienet taghti l-flus lilha biex izzommhomla. Pero' taf ukoll li lil Joseph kienet ittihomlu. Hija spjegat illi qatt ma taghthom flus bhala somma izda meta jkollhom bzonn xi haga bhal per ezempju jixtru xi haga kienet tigi maghhom u thallas hi.

Ix-xhud damet mizzewga ma' Luciano hamsa u ghoxrin sena u ilha separata kwazi hdax il-sena. Meta hija sseparat minn mar-ragel, ir-relazzjoni taghha m'ommu ma nbidlitx, ghax huma ma kellhom xejn ghal xulxin pero' naturalment ma baqghux daqshekk *close.* Uliedha xorta kienu jibqghu jmorru ghand in-nanna taghhom. Hija taf illi zewgha kien ikun hemmhekk allura ma kinitx tersaq lil hemm. Pero' ddikjarat li qatt ma kien hemm zmien meta ggieldu jew ghaddiet minn hdejha u ma kellmithiex jew li marret ghandha u ma laqathiex. Anzi sostniet li meta kienet tghaddi kienet

tghajtilha hi stess lix-xhud. Ix-xhud min naha taghha ma kinitx tmur ghax kien ikun hemm zewgha.

Hija taf li effettivament kien hemm okkazjonijiet ohrajn meta omm Joseph taghtu xi flus u dan tafu ghax kienet tghidilha hi stess. Hija kienet tghidilha li per ezempju taghtu mitejn (200) jew mija (100) jew hamsin (50). Ix-xhud stqarret illi kienet kuntenta b'dak li kienet taghti lilha. Hija ma kinitx issaqsi, kienet tisma' biss ghax mhux affari taghha. Ix-xhud taf li kienet tmur il-Bank u tiehu xi flus u ttiehom lil Joseph, pero' ma tafx ezattament kemm kienet ittih.  Pero' zgur ma kinitx tmur il-Bank u tiehu hamsin (50) biss. Id-dar taf li kien ikollha aktar min elf lira Maltin (Lm1,000). Hija sostnit illi ma tistghax tghid bl-ezatt kemm taghtu pero' taf li meta kienet tmur il-Bank kienet ittih iktar min elf (1,000) zgur ghax kieku kienet ha ttih inqas min elf lira (1,000) kienet ittihomlu mill-kexxun tad-dar.

Ix-xhud iddikjarat li ma kinitx prezenti meta taghtu s-sebat elef (7,000) pero' lilha temminha li taghtu sebat elef. Hija taf illi ommu ghamlet rapport lill-Pulizija pero' qalet li effettivament kienet giet imgieghla, kienet marida u kellha bzonn lil Luciano u ghamlet dan ir-rapport.

Mistoqsi kif taf li effettivament ommu kienet imgieghla wiegbet illi "*lil min tafu issaqsiex ghalih*". Hija taf li effettivament Luciano *is a good talker.*  Fil-fatt ix-xhud temmen li effettivament ommu giet imgieghla taghmel dan ir-rapport u kienet taf dan qabel ommu mietet. Hija ma kellhiex ghalfejn tidhol fuq l-affarijiet tal-familja jekk ma jdahhluhiex. Hija tghid li effettivament ommu ghamlet rapport lill-Pulizija ghaliex kienet imgieghla

minn Luciano biex taghmel hekk. Ix-xhud m'ghamlet xejn biex tbiddel din is-sitwazzjoni.

**Louise Sammut Alessi** xehdet fil-15 ta' Settembru, 2014 fejn giet mistoqsija jekk tafx l-imputat odjern Joseph Tabone wiegbet li le qatt ma rat wiccu u qalet li l-proprjeta' m'hijiex taghha u qatt ma offrieta ghall-bejgh. Hija spjegat li hemmhekk kienet toqghod omm l-imputat gewwa garaxx u lanqas qatt ma offriet dan il-garaxx ghall-bejgh lil omm l-imputat. Mistoqsija jekk is-Sur Tabone qattx cemplilha biex jixtri dan il-post qalet illi ma tiftakarx. Hija ma toqghodx izzomm amment lil min tkellem fuq it-telefown. Illum il-gurnata dan il-post huwa mizmum minn hu l-imputat wara li kienet mietet ommu. Fil-fatt illum il-gurnata qalet li hemm kawza civili sabiex huma jiehdu lura l-pussess ta' dan il-post u l-kawza qieghda ntavolata kontra hu l-imputat certu Luciano Tabone u kkonfermat li hija qatt ma tkellmet dwar bejgh ta' din il-proprjeta'. Il-fond in kwistjoni huwa gewwa Providence Street, Hal Balzan u jekk mhiex sejra zball illum sar numru erbghin (40).

Illi nhar il-14 ta' Ottubru, 2014 dehru l-partijiet quddiem il-Qorti u trattaw il-kaz u talbu li jibqa' ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-imputat u akkuzat bir-reat ta' misapproprijazzjoni ta' flus li allegatament taghtu ommu fl-ammont ta' sebat elef lira. Il- Prosekuzzjoni qed issostni li omm l-imputat Carmela Tabone kient taghtu s-somma ta' sebat elef lira sabiex izommhomlha pero' l-imputat qed jghid li

effettivament verament ircieva din is-somma flus pero' ghaliex tathomlu biex izommhom. Issostni li mhux vera kienet silfithomlu kif stqarr Anton Tabone u lanqas mhu veru li kienet talbitu sabiex izommhomlha.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Skond gurisprudenza kostanti u dan anke b'referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti kif konfermata fl-Appell fl-ismijeit **Il-Pulizija vs Concetta Charles** deciza nhar l-20 ta' Settembru, 2011 u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit li s-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.*
2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".*

Fuq dan il-punt il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta'Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu jkun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak loggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293 tal-Kodici** taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contra la proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

*"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

**Carrara** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** taht it-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li ukoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deciza nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**; Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax (14) ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel *Cassar*** deciza nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Id-difiza sostniet li l-imputat ma kellux id-dolo ghal dan r-reat ghaliex qatt ma ghamel xi konversjoni ta' flejjes. Mill bidu nett id-difiza tghid li huwa minnu li l-imputat ircieva flus minghand ommu pero' dawn ircevihom bhala rigal u mhux ghal xi skop determinat.

Il-Qorti thoss li l-imputat fl-ebda hin ma kien qed jilghab bil-kliem, u dan ghaliex kif *del resto* gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax (17) ta' April, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon,** element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'*volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro*' [***Maino Op. Cit. p. 105***].

Illi d-Difiza bdiet it-trattazzjoni taghha billi fakkret lill-Qorti dwar il-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe' ir-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija l-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju regjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li dubju jkun dak dettat mir-raguni.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-

Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti ukoll li l-Qorti tfakkar lil-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** *[1952] AC 480, 489*.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif wkoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe' dik prosposta mill-anzjana Carmela Tabone u konfermata sa certu punt minn huha Anton Tabone kif sostnuta mill-Prosekuzzjoni stess u dik proposta mill-imputat kif korroborat minn cirkostanzi u xhieda ohra li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda kollha u dan ghaliex ma kinitx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe' hadet iz-zmien taghha sabiex tigbor u tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657**

**tal-Kap. 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfligenti tal-fatti. F''dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija kif traskritta fl-atti u ta' dawk ix-xhieda li xehdu viva voce fosthom l-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda prodotta mid-difiza, u dan sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Settembru, 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed issib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Issa fil-kaz in desamina l-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda tal-kwerelanti Carmela Tabone li tghid li hija rceviet cekk bhala wirt fuq bejgh ta' prorpjeta fis-somma ta' sebat elef u disghin lira Maltin u kienet marret il-Bank sabiex issarraf ic-cekk u tghid li kienet cemplet lil binha l-imputat odjern sabiex imur ghandha u taghtih is-somma ta' sebat elf lira Maltin sabiex izommhomlha. Tghid li dan sehh fil-presenza ta' huha Anton Tabone gewwa d-dar taghha Hal Balzan jum partikolari l-Hadd. L-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil hu Carmela Tabone li jghid li huwa kien prezenti meta ohtu tat il-flus lill-imputat lira fuq lira pero' jghid li ma jiftakarx id-denominazzjoni tal flus. Jghid li kien jum l-hadd wara li ohtu kienet sarfet ic-cekk gewwa il-Bank of Valetta. Mistoqsi ghaliex kienet tathom lill-imputat u mhux lil hutu uliedha ukoll jghid li ma jafx. Jinghad li Carmela Tabone fix-xhieda taghha li tat fis-sena 2010 tghid li jidrilha li l-flus kienet ilha xi sitt snin li tathom lil binha jigifieri circa s-sena 2004 pero' huha Anton Tabone fix-xhieda tieghu moghtija fis-sena 2010 jghid li jahseb li kienu tlett snin li tat il-flus lill-imputat. Ghalhekk minnufih jirrizulta li hemm konfingenza dwar meta allegatament gew moghtija il-flus.

Jinghad ukoll li Luciano Tabone hu l-imputat xehed u jghid li ommu qaltlu li effettivament kienet tat is-somma ta' sebat elef lira Maltin lil huh il-

imputat bil-ghan li jzommhomlha izda meta talbithomlu lura dan ma riedx itihomlha. Mistoqsi jekk kienx prezenti meta naghtaw il-flus jghid li ma kienx u ghalhekk dak li stqarr huh u biss ditto del ditto.

Il-Prosekuzzjoni esebit zewg dikjarazjonijiet ta' Carmela Tabone u Anton Tabone li gew immarkati bhala Dok. JMP 1 u JMP 2. Jinghad li dawn l-istqarrijiet mhumiex ammissibli bhala prova u dan ghaliex f'process kriminali x-xhud irid jiddeponi viva voce kif fil-fatt ghamlu u ghalhekk dawn iz-zewg dikjarazjonijiet ser jigu skartati u kwalsiasi xhieda jew referenza ghal dawn iz-zewg dokumenti ukoll ser tigi skartata.

L-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu u cioe' li nghata somma flus minghand ommu sabiex izommhiela u li ma riedx itiha il-flus lura meta gie hekk mitlub. Jghid li effettivament huwa veru li kien ircieva l-flus minghand ommu pero' dan kien f'jum matul il-gimgha wara li kienet appena sarfet ic-cekk gewwa Bank. Qal li l-flus tathomlu ghalih. Fil-fatt huwa ressaq bhala xhieda ta' dan l-ohtu Christine Baldacchino u l-mara ta' huh Luciano Tabone certu Anna Tabone. Dawn it-tnejn jikkonfermaw it-terzi tal-imputat u cioe' li ommhom kienet tat il-flus lill-imputat sabiex izommhom. It-tnejn jghidu li effettivament kienu jafu b'dan u ma kellhom l-ebda oggezzjoni ghal dan.

Jinghad ukoll li meta s-sinjura Carmela Tabone xehdet u spjegat li riedet il-flus lura tghid li rieditihom ghaliex x'taqet tixtri l-post fejn kienet qed tirrisjedi izda meta xehdet is-Sinjura Sammut Alessi dina tghid li l-fond in kwistjoni qatt ma kien ghall-bejgh.  Fil-fatt tghid li llum il-gurnata wara li mietet Anna Tabone hija ghandha kawza kontra Luciano Tabone bil-ghan li

tizgombrah il-barra u tiehu lura l-pusess tal-fond. Carmela Tabone tghid ukoll li hija riedet il-flus sabiex tixtrihom pinnoli. Illi dan ukoll mhux vero simili meta tqis l-ammont ta’ flus u cioe’ is-somma ta’ sebat elef lira zgur mhux ammont li bih jinxtraw pinnoli salv jekk ma kinitx bi hsiebha tibda tbiegh il-pinolli jew tinnegozja fihom. Jinghad ukoll li huha li suppost kien jaf kollox jghid li ma kienx jaf ghaliex ohtu riedet il-flus lura.

Huwa in vero simili li persuna tmur il-bank issarraf cekk tibghat ghat-tifel u tghidlu zommli dawn il-flus li wriet u tihomli lura meta rridhom u mhux thalli l-flus investiti l-bank ghal meta jkollhom bzonnhom la una volta xorta kienet marret il-bank u huma flus dikjarati.

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat huma aktar vero simili u ghandhom aktar mis-sewwa u ghalhekk fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal il-Qorti ma thossx li effettivament l-imputat misapproprja xi flus jew ahjar biddel id-destinazzjoni tal-flus li gew moghtija lilu liberament minghand ommu. L-imputat fid-dawl tal-provi mismugha ma ghamel l-ebda konversjoni u ghalhekk tali reat ma jirruzultax.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi rilevat li ma kien hemm l-ebda nomina tul din il-kumpilazzjoni u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikolu 393 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li ma ssibx lill-imputat JOSEPH TABONE hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------